# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 9 ta' Lulju tas-sena 2002.**

**Numru   29**

**Avviz  numru  95/02/SM**

**Marcarm Services Company Limited**

**vs**

**Brian u Giselle konjugi Mangion**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat l-4 ta' Frar tas-sena 2002 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:**

1. **Ihallsu s-somma ta' erbat elef sitt mija u hdax-il Lira Maltin u hamsin centezmu (LM4,611.50,0)**

rapprezentanti merkanzija mibjugha u debitament ikkonsenjata, kiri tal-post u servizzi rezi fir-rigward tar-riceviment tat-tieg taghhom;

2. Bl-ispejjez komprizi dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju numru 189/02 NB u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 191/02 ipprezentati fit-22 ta' Jannar 2002, kontra l-konvenuti li gie ngunt ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-13 ta' Marzu tas-sena 2002 li permezz taghha l-konvenuti eccepew is-segwenti:

1. Illi d-divergenza bejn il-partijiet m'hiex dwar l-ezistenza tad-debitu vantat ut sic, izda dwar il-quantum, billi d-direttur u l-proprjetarju tas-socjeta' attrici Mario Spiteri kien assigura lill-konvenuti li r-riceviment de quo kien ser iqum ferm anqas minn elf u tmien mitt Lira Maltin (LM1,800) li kienet is-somma kwotata lilhom minn stabbiliment iehor qabel ma kkonsultaw ruhhom ma' l-imsemmi Mario Spiteri;

2. Illi minghajr pregudizzju anke kieku stess wiehed kellu jqis li l-partijiet ma kienux obbligati lejn xulxin b'rati specifici jew bi prezz specifiku, xorta wahda s-socjeta' attrici ma ghandha l-ebda dritt illi taqbad u tillikwida kwantu pretiz minnha, izda hija dina l-Onorabbli Qorti, ai termini ta' l-artikolu 1624 tal-Kap 16, illi ghandha l-fakolta li tqis il-hlas li ghandu dritt ghalih is-socjeta' attrici bi stima ta' periti, jew ukoll minghajr din l-istima, skond ic-cirkostanzi;

3. Illi minghajr pregudizzju, il-konvenuti m'ghandhomx isofru spejjez billi huma qatt ma rrifjutaw li jhallsu skond il-ftehim li kellhom ma Martin Spiteri, izda kienet biss il-kappricjozita ta' l-istess Spiteri li ppretenda aktar mid-doppju ta' kwantu miftiehem li sfratta kull possibilita' ta' ftehim;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Innotat li l-konvenuti ghalkemm kellhom udjenza rizervata ghalihom biex jipproducu x-xhieda taghhom naqsu milli jaghmlu dan minghajr ma nformaw lill-qorti b'raguni valida ghal dan in-nuqqas skond il-ligi;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi l-konvenuti u l-proprjetarju u "managing director" tas-socjeta' attrici kienu jafu sew lill-xulxin stante li l-konvenut Brian Mangion kien jiffrekwenta regolarment il-"bar" gestit mill-istess proprjetarju fil-lukanda operata mis-socjeta' attrici;**

2. **Illi minhabba l-hbiberija li nibtet bejn il-konvenut u l-imsemmi proprjetarju dawn qabblu fuq is-segwenti:**

    a. **Illi l-konvenut jaghmel it-tieg tieghu fil-lukanda gestita mis-socjeta' attrici;**

    b. **Illi l-konvenut kellu jgib stima indipendenti tax-xogholijiet li kien jirrikjedi mis-socjeta' attrici u din ta' l-ahhar obbligat ruhha li ma tippretendix hlasijiet ghola minn dawk esebiti ghall-istess xoghol;**

3. **Illi giet iffissata d-data tat-tieg tal-konvenuti u kien l-istess konvenut Brian Mangion li cempel lill-proprjetarju fuq indikat madwar tlett (3) gimghat qabel it-tieg biex iffakkru bil-gurnata tat-tieg;**

4. **Illi in vista ta' dan il-proprjetarju fuq riferit ghaqqad l-isforzi tieghu u ha hsieb organizza**

**ruhu u laqqa' lill-koki tieghu biex jippjanifikaw l-imsemmi tieg;**

5. **Illi l-konvenut Brian Mangion ippartecipa hu wkoll fl-imsemmija pjanifikazzjoni u peress li s-socjeta' attrici ma tahdimx helu ghall-okkazzjonijiet bhal dik in dizamina u l-istess konvenut ittiehed ghand azjenda appozita fejn ordna dan il-helu;**

6. **Illi l-ikel ghat-tieg de quo gie regolarment ordnat mill-konvenut mis-socjeta' attrici u x-xorb ghall-istess gabu l-konvenut fuq indikat;**

7. **Illi t-tieg gie regolarment iccelebrat u kollox mexa skond il-previzjoni ghas-sodisfazzjon tal-konvenuti u ta' kull min kien prezenti;**

8. **Illi pero' s-socjeta' attrici qatt ma giet aktar ikkontattjata ghas-saldu tal-ammont dovut ghall-ikel ikkonsmat fit-tieq u ghas-servizzi l-ohra kollha offruti;**

9. **Illi ghalkemm il-konvenut gie ikkuntattjat biex jghamel tajjeb ghal dan xorta baqa' inadempjenti;**

10. **Illi l-ammont dovut ghar-ragunijiet fuq indikati huwa dak indikat fl-avviz odjern;**

11. **Illi stante li l-konvenuti, ghalkemm interpellati, baqghu inadempjenti;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi din il-qorti hi sodisfatta li l-konvenuti ghandhom jirrifondu lis-socjeta' attrici ghar-ragunijiet fuq indikati, moltu piu' meta jigi kkonsidrat li nonostante li l-istess socjeta' offriet kondizzjonijiet ferm agevolati biex il-konvenuti jghamlu dan, dawn baqghu inadempjenti;**

**Ghaldaqstant din l-qorti tiddeciedi li filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati, tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lil Brian u Giselle konjugi Mangion biex ihallsu lis-socjeta' attrici Marcarm Services Company Limited l-ammont ta'**

**erbat elef, sitt mija u hdax-il lira Maltin u hamsin centezmu, (LM4611.50,0), bl-imghaxijiet dovuti skond il-ligi u bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**